MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija Stampa l** 5 ta' Novembru, 2015

# Apprezzament għal interventi edukattivi mill-MCA

Laqgħa li saret fl-aħħar jiem bejn iċ-Chairman tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, MCA, u l-Kap tal-Istazzjon tar-Radju RTK, tat spazju għal skambju ta' opinjonijiet dwar kif intlaqgħu sensiela ta' interventi li numru ta' uffiċjali tal-MCA għamlu fil-programm *Għalina Lkoll* fuq Radju RTK fl-aħħar xhur.

Għal-laqgħa, ingħaqdu wkoll l-uffiċjali tal-MCA li kienu responsabbli għall-interventi edukattivi fuq ir-Radju RTK, flimkien mal-Uffiċjal responsabbli għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-istess Awtorità.

Iċ-Chairman tal-MCA, Dr Edward Woods, radd ħajr lil Radju RTK għall-kollaborazzjoni li wera mal-Awtorità bi spazju għal edukazzjoni pubblika dwar il-proġetti u l-ħidma tal-MCA b'risq is-soċjetà Maltija u l-iżvilupp diġitali f'pajjiżna.

Il-Kap tal-Istazzjon RTK, Karl Wright, esprima l-apprezzament tiegħu għall-impenn tal-MCA u qal li f'paralleliżmu mal-missjoni tal-Istazzjon li jeduka u jinforma, lest jibqa' jikkollabora mal-Awtorità biex il-poplu Malti jifhem dejjem iżjed u japprezza dak li qed tagħmel l-MCA fl-avvanzi tas-soċjetà Maltija fil-qasam tal-komunikazzjoni.



Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840